ST THOMAS MORE COLLEGE
Middle and Secondary School, Żejtun

Is-26 ta' Mejju 2026

Għeżież Ġenituri/Kustodji

Filwaqt li nisperaw li tinsabu tajbin, ħassejna l-ħtieġa li nagħmlu kuntatt magħkom bl-informazzjoni neċessarja qabel ma nispiċċaw din is-sena skolastika.

## ĠBIR TA' KOTBA

Hekk kif qed joqrob it-tmiem tas-sena skolastika, nixtiequ nfakkrukom fil-proċess tal-ġbir tal-kotba. Huwa importanti li l-istudenti jirritornaw il-kotba tagħhom skont l-iskeda t'hawn taħt biex ikollna transizzjoni bla xkiel għas-sena skolastika li jmiss. Dakinhar l-istudenti mitluba li jidħlu minn Grada 2 u jmorru ġo Blokka 2. Il-ġbir tal-kotba l-antiki se jsir hekk:

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2026** | 08:30 – 12:00 | L-istudenti tal-10 Sena jirritornaw il-kotba. |
| **Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2026** | 08:30 – 12:00 | L-istudenti tat-8 Sena jirritornaw il-kotba. |
| **It-Tnejn 22 ta' Ġunju 2026** | 08:30 – 12:00 | L-istudenti tas-7 Sena jirritornaw il-kotba. |
| **It-Tlieta 23 ta' Ġunju 2026** | 08:30 – 12:00 | L-istudenti tad-9 Sena jirritornaw il-kotba. |
| **L-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2026** | 08:30 – 11:00 | L-istudenti jistgħu jirritornaw il-kotba li fadal. |

Il-kotba ta' din is-sena skolastika se jinġabru f'Ġunju, filwaqt li l-kotba tas-sena skolastika li ġejja, se jitqassmu f'Settembru. L-istudenti li ma jirritornawx il-kotba kollha mhux se jingħataw il-kotba tas-sena d-dieħla. Għalhekk l-istudenti jridu jsibu l-kotba mitlufa jew inkella jħallsu għalihom.

## ĠBIR TA' DATA

Mehmuż għandkom issibu applikazzjonijiet biex terġgħu timlewhom (bl-aktar informazzjoni riċenti). Dawn jinġabru dakinhar stess meta jsir il-ħlas u l-ġbir tal-kotba. Il-kopji tal-applikazzjonijiet se jitqassmu lill-istudenti qabel il-5 ta' Ġunju 2026.

**<u>META ĠĠIBU L-KOTBA U L-APPLIKAZZJONIJIET, L-ISTUDENTI MITLUBA JIĠU BL-UNIFORMI TAS-SAJF. IL-MOBILE PHONE IRID IKUN MITFI U JITĦALLA FIL-BASKET.</u>**

## UNIFORMI TAL-ISKOLA

L-uniformi tal-iskola, li tinkludi wkoll il-ġakketta tal-iskola, tista' tinxtarha mingħand Yorkie. Għal aktar informazzjoni, agħfsu l-ħolqa:

https://zejtunmiddlesecondaryschool.com/school-uniform/
https://zejtunmiddlesecondaryschool.com/change-in-gym-shoes-colour-for-scholastic-year-2024-2025/

**APPLIKAZZJONI GĦAT-TRASPORT TAL-ISKOLA**

L-applikazzjoni għat-trasport tal-iskola miftuħa. Agħfsu l-ħolqa t'hawn isfel biex tapplikaw.
https://malta-transport.schoolbusnet.net/#/

**ĠBIR TA' FLUS**

Intom mitluba sabiex dakinhar li ġġibu l-kotba, tmorru wkoll fi Blokka 2 biex isir il-ħlas ta' darba bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' matul is-sena skolastika 2026-2027 li jinkludu l-fotokopji, id-djarju tal-iskola, identification tag, l-użu tal-locker u r-rivista tal-iskola. Importanti li l-flus jitpoġġew ġo envelopp bl-isem, bil-kunjom u bil-klassi.

| Matul is-sena skolastika 2026-2027 | Ammont Totali |
|---|---|
| Mis-7 sal-10 Sena | €50.00 |
| Il-11-il Sena | €40.00 |

Aħna nifhmu li jistgħu jinqalgħu diffikultajiet finanzjarji, jekk jogħġbok kun af li aħna qegħdin hawn biex nappoġġjawk. Inħeġġuk biex tikkuntattja lill-Kap tal-Iskola biex tiddiskuti mezzi alternattivi ta' ħlas jew kwalunkwe għajnuna oħra li tista' tkun disponibbli. Jekk jogħġbok ibgħat email lil adrian.galea@ilearn.edu.mt u cc stmc.zejtun.ss@ilearn.edu.mt

**RIŻULTATI ANNWALI**

Importanti li tkunu tafu li r-riżultati annwali se jiġu ppubblikati online fuq il-MySchool.
Iċċekkjaw ukoll l-attivitajiet mhux formali u l-attivitajiet informali. F'każ ta' xi diffikultà, agħmlu kuntatt mal-iskrivani tal-iskola.

**IBQGĦU AĠĠORNATI**

Importanti ħafna li matul il-vaganzi tas-sajf, l-istudenti jiċċekkjaw kemm il-posta elettronika tal-iskola (iLearn), kif ukoll il-mezzi soċjali tagħna. Se nibagħtu aktar korrispondenza u tajjeb li jibqgħu aġġornati.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

Is-Sur A. Galea
Il-Kap tal-Iskola